VALLETTA CULTURAL AGENCY

Valletta Cultural Agency
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
MALTA
Tel: +356 2124 2018
Email: info@vca.gov.mt

# Politika ta' Sostenibbiltà tal-Avvenimenti

L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta hija ffukata fuq iż-żieda fl-għarfien rigward is-sostenibbiltà u t-tnaqqis tal-impatti ambjentali. Bħala organizzatur tal-avvenimenti li jaħdem mal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, hemm ċerti punti li wieħed għandu jikkonforma magħhom:

L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta topera filosofija ta' "Tħallix Traċċi Warajk". Wara kull avveniment, is-sit tal-avveniment għandu jitħalla nadif (jekk mhux aktar nadif) daqs kemm kien qabel.

L-imballaġġ għandu jitnaqqas mill-bidu. Tużax u tippromwovix prodotti li għandhom l-imballaġġ u naqqas l-imballaġġ kollu kull fejn ikun possibbli. Ħalli legat mal-fornituri.

Appoġġja l-inizjattiva "Ġib il-kontenitur tiegħek stess" għall-ikel u x-xorb. Il-bejjiegħa jridu jkunu lesti li jservu lill-parteċipanti fil-flixkun/cooler/skutella/platt tagħhom stess! Għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet għall-ħasil tal-platti għall-parteċipanti.

Kontenituri tar-riċiklaġġ u tal-kompost għandhom ikunu preżenti f'kull avveniment. Dan se jgħin biex jiddevja kemm jista' jkun riżorsi mill-miżbla. Ir-riżorsi huma prezzjużi u Malta hija gżira żgħira! Il-kumpaniji tal-ġbir tal-"iskart" iridu jaqblu li jarmu l-iskart b'mod korrett għand il-Wasteserv.

Il-bejjiegħa u l-bars kollha tal-ikel għandhom jużaw biss oġġetti li jistgħu jsiru kompost. Mal-kontenituri tal-kompost iridu jiżdiedu l-iskart tal-ikel u r-rimi kollu tal-karti. Dan il-kompost jista' jintbagħat lill-WasteServ.

Kontenituri tal-loqom tas-sigaretti għandhom jiġu pprovduti madwar is-sit kollu tal-avveniment, ashtrays portabbli li jistgħu jinġarru fil-but jistgħu jingħataw ukoll.

Ippromwovi għażliet ta' trasport konxji. Uża t-trasport pubbliku, shuttle buses, l-inizjattivi tal-park and ride, il-carpooling, iċ-ċikliżmu jew il-mixi.

L-ilma tax-xorb fi fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss huwa pprojbit matul l-avvenimenti. L-ilma għandu jiġi pprovdut f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew jew li jistgħu jsiru kompost.

Uża biss prodotti tal-ħasil bijodegradabbli jew organiċi. Naqqas l-ammont ta' kimiċi li qed tuża, itlob lill-bejjiegħa u lill-fornituri biex jagħmlu l-istess.

L-ilma mormi kollu għandu jitrażżan. L-ilma griż għandu jinġema f'kontenituri u jiġi ddepożitat f'sistemi tad-drenaġġ miftiehma.

It-tojlits portabbli għandhom jużaw prodotti ekoloġiċi (ibbażati fuq l-enzimi) minflok sustanzi kimiċi tradizzjonali bbażati fuq il-formaldeid.

VALLETTA CULTURAL AGENCY

Naqqas il-konsum tal-enerġija. Staqsi lill-fornituri biex jużaw id-dawl LED kull fejn ikun possibbli, fittex alternattivi għall-provvista tal-enerġija. Agħżel materjali b'impatt baxx meta tagħmel il-ksib tal-materjali.

Qis li jkollok servizzi ta' tindif matul l-avveniment, dawn jistgħu jkunu voluntiera, clean-ups immexxija minn parteċipanti tal-avveniment jew ħaddiema mħallsa. Art nadifa trid tibqa' art nadifa.

Ikkontribwixxi għall-komunità lokali. Agħti lura liż-żona lokali b'kull mod li tista', ħaddem ħaddiema lokali, ixtri prodotti lokali, uża prodotti lokali.

Qajjem kuxjenza. Ara li l-parteċipanti, il-fornituri, il-persunal u l-bejjiegħa jkunu impenjati f'dak li qed timmira li tikseb. Ippubblika l-politiki ta' sostenibbiltà tiegħek qabel l-avveniment, ikkomunika l-intenzjonijiet u l-inizjattivi tiegħek. Uża l-midja soċjali, il-midja nazzjonali, l-istampa.

Oħloq legat. Iffoka fuq l-edukazzjoni matul l-avveniment kollu, oħloq kartelluni edukattivi għall-avveniment, impjega persunal sostenibbli biex tippromwovi l-inizjattivi tiegħek, itlob lill-parteċipanti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. Agħmel dak kollu li tista' tagħmel biex l-avveniment ikun ekoloġiku kemm jista' jkun!